**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 78/07**
Il-Gimgħa 16 ta' Frar 2018 fil-5:00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Assenti* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *Assenti* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

78.1 Introduzzjoni mis-Sindku;
78.2 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements għas-sena 2017;
78.3 Tmiem tal-laqgħa.
.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 1 Introduzzjoni mis-Sindku

i. Is-Sindku s-Sur Paul Farrugia filwaqt li ta merħba lill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Ramon Cutajar u talbu sabiex jagħti spjegazzjoni *tal-Unaudited Financial Statements* għas-sena 2017.

## 2 Approvazzjoni tal-Unaudited *Financial Statements* 2017

i Is-Sur Cutajar beda billi spjega li din is-sena reġgħet kienet ikkaratterizzata bir-riveżjoni fil-kontijiet ta' xogħol relatati mal-PPP u Resurfacing relatati wkoll ma' xogħol ta' PPP.

ii Is-Sur Cutajar kompla jispjega li s-sena li għadha kemm intemmet reġa kien hemm tnaqqis konsiderevoli fl-ispejjeż tal-Operat tal-Kunsill. Bħala sena kienet pożittiva u l-Kunsill għamel dak li jissejjaħ *Accounting Profit*. Dan jirriżulta peress li l-Kunsill kellu iktar dħul ta' flus milli spejjeż.

iii. Is-Sur Cutajar qal li s-saħħa tal-Kunsill titkejjel mill-Financial Indicator li suppost skond il-Financial Regulations trid ikun 10% tal-Allokazzjoni Annwali tal-Kunsill. Dan il-Kunsill din is-sena rnexxilu jerġa jiġi fil-pożittiv. Il-Kunsill temm is-sena 2017 b'Financial Indicator ta' madwar 115%.

iv. Is-Sur Cutajar kompla jispjega li għal sena oħra reġa ma sarux l-Financial Statements tal-5 aside ground. Apparti minnhekk dħul mhux qed ikun hemm filwaqt li l-Kunsill Lokali qiegħed waħdu jħallas il-kontijiet fosthom tal-Arms. Dawn il-kontijiet u spejjeż oħra li jista jkun hemm suppost jitħallsu 50% il-Kunsill Lokali u 50% Cassar Ship Repair.

v. L-Accountant staqsa lill-Kunsill jekk kienx hemm xi domandi. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa jekk fil-figura bħala cash li spiċċa biha s-sena l-Kunsill li hemm indikata fl-Unaudited Financial Statements hemmx inkluż il-grant ta' €250,000 mogħti mid-DLG għall-embellishment ta' Ġnien Kurunell Mass ? L-Accountant ikkonferma dan. Hawnhekk is-Sur Bonavia kkummenta li għaldaqstant il-pubbliku kien seta' jkuna żgwidat meta jara li l-figura bħala cash and cash equivalents hemm inkluż din is-somma. L-Accountant is-Sur Cutajar wieġeb li dan ma kienx preċiż għall-fatt li għalkemm il-flus cash kienu ser jonqsu ladarba jinbeda l-proġett dawn kienu ser jiġu ttrasferiti jew aħjar użati sabiex isir il-proġett u għaldaqstant jonqsu mil-Cash u jiżdiedu mal-assi.

vi. Ladarba ma kienx hemm iktar mistoqsijiet, is-Sindku s-Sur Paul Farrugia rringrazzja *lill-Accountant,* is-Sur Ramon Cutajar ta' l-ispjega dettaljata li ta fuq U*naudited Financial Statements għas-sena 2017.*

vii. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li *l-unaudited financial statements* għas-sena 2017 jiġu approvati kif ippreżentati. Il-Kunsilliera kollha preżenti vvutaw kollha favur. *L-Unaudited Financial Statements* għas-sena 2017 ġew approvati. Kopja ta' dawn *l-Unaudited Financial Statements* tinsab annesa ma' dawn il-Minuti.

## 3 Għeluq tal-Laqgħa

i Il-laqgħa ntemmet fil-17:30pm.

| | |
|---|---|
| ***(IFFIRMATA)*** | ***(IFFIRMATA)*** |
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |